# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 112/00mm**

**Perfecta Advertising Limited**

**vs**

**Ray Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Frar 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u erba' u erbghin centezmi (Lm946.44c), bilanc dovut ghal servizzi professjonali minnha rezi lilu fuq inkarigu tieghu ai termini tal-*invoices* gia fil-pussess tieghu.

Bl-imghax mis-7 ta' Awissu 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Lm10 ghall-konsult u dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Awissu 1997 u tas-17 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:-

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta minhabba d-dekors ta' aktar minn sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2149 © tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess l-imsemmija pretensjoni tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed ipoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici bil-perkors ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2149© tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irrizulta mill-provi illi bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kien hemm relazzjoni kummercjali illi tirrisali sa Ottubru 1996. Is-socjeta' attrici kienet tipprovdi servizzi ta' reklamar ghall-konvenut li perjodikament kien jaghmel pagament akkont. Is-socjeta' attrici a fol 23 ippresentat *'sales account history report'*

fejn juri l-bilanc dovut mill-konvenut. Gara pero' illi fil-mori ta' din il-kawza u cioe' fl-14 ta' Frar 2000 il-konvenut ghamel pagament ta' erba mija u hamsin lira (Lm450). Dan l-ammont irid jitnaqqas mic-cifra mitluba mis-socjeta' attrici fl-avviz pero', ghandu effett serju hafna ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-istess konvenut peress illi l-pagament akkont jitterrompi l-preskrizzjoni.

F'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju 1995 il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Emanuel Sammut vs Anthony Vella applikat il-principju illi l-preskrizzjoni estensiva tigi nterrotta bil-pagament ta' parti mill-ammont li jkun qed jigi mitlub mill-attur. Dana qed jinghad, apparti l-fatt, illi saru zewg ittri ufficjali wahda fis-7 ta' Awissu 1997 u l-ohra fis-17 ta' Novembru 1999.

Ghalhekk fuq l-iskorta ta' dawn il-provi l-Qorti ma jidhirlhiex illi l-konvenut ghandu ragun meta jecepixxi l-preskrizzjoni u din timmerita li tkun michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif diga nghad is-socjeta' attrici ppresentat rendikont ta' l-ammonti illi huma dovuti lejha liema rendikont ma giex kontestat mill-konvenut. Ta' min jinghad illi l-konvenut ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu f'din il-kawza nonostante li l-kawza kienet appuntata specifikament ghall-provi tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex tikkonsidra l-meritu fuq il-provi migjuba mis-socjeta' attrici.

B'nota ppresentata fis-27 ta' Novembru 2000 is-socjeta' attrici rriduciet it-talba bl-ammont ta' erba' u hamsin lira (Lm450) wara

pagament akkont illi sar fil-mori tal-kawza, ghalhekk l-ammont bilancjali illi l-konvenut ghandu jhallas huwa ta’ erba mija sitta u disghin lira u erbgha u erbghin centezmi (Lm496.44c).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ l-ammont ta’ erba mija sitta u disghin lira u erbgha u erbghin centezmi (Lm496.44c) bilanc dovut ghal servizzi professjonali minnha rezi lilu fuq inkarigu tieghu ai termini tal-*invoices* gia fil-pussess ta’ l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg